MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2011

Numru. 532/2010

Il-Pulizija
(Sp Ian Abdilla)
vs
Paul Delia, iben John, imwieled Tarxien fil-15 ta’ Marzu, 1944, Karta ta’ l-Identita numru 290444(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f’Diċembru, 2006 u fix-xhur ta’ qabel b’mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b’oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta’ krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ b’qerq ta’ aktar minn €2,329.37 għad-dannu tal-Bank of Valletta Limited u ta’ Carmen Delia;

2. talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, u cioe' fi 'pledge form' tal-Bank of Valletta, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement għamel użu mill-istess att, kitba jew skrittura falza.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha eżebiti.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Jannar, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat l-ittra tal-Bank of Valletta tad-19 ta' Jannar, 2011 fejn l-imputat ingħata riċevuta u ġie dikjarat li d-dejn kollu mal-bank ġie estint.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat
l-artikoli 183, 184, 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fefdina penali,
l-ammissjoni bikrija u l-fatt li d-dejn ġie estint. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi zmien tlett snin mil-lum. Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għall-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma tqabbdu ebda esperti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------